# Jack & Jill

Trevor Żahra

Jack & Jill iżżewġu.

M'għadhomx aktar tilgħin u niżlin jimlew satal ilma minn fuq l-għolja. Jack m'għadux jaqsam il-qurriegħa ta' rasu b'Jill titgerbeb warajh. Issa kibru. Telqu lejn il-foresta, u wara li skoprew sewwa ġisem xulxin u nħaslu fl-ilma tas-satal, intebħu kemm kienu jinħabbu. Minnufih iddeċidew li jiżżewġu.

Fil-kappella ta' fuq il-wied inġabru l-qraba u l-ħbieb.

"Ġejtu intom hawn minn rajkom, għax ridtu u mingħajr ma kontu mġegħlin biex tintrabtu flimkien fiż-żwieġ?"

"Dażgur, dażgur, għax issa għejjejna tilgħin u niżlin ma' dik l-għolja u l-bir ma fadallux aktar ilma. Issa bnejna dar ħelwa ġo żarbuna. Dażgur li ġejna minn rajna."

"Intom lesti biex tibqgħu miexja f'din it-triq taż-żwieġ, u tħobbu u tirrispettaw lil xulxin tul ħajjitkom kollha?"

"M'intix tara kemm ninħabbu? Jaħasra, kieku rajtna ninħabbu hemm fil-foresta, kemm għaffiġna faqqiegħ u tajjarna weraq niexef. Oh, kemm ninħabbu!"

Ix-xhieda kienu l-volpi u l-qattus. Qagħdu jħarsu lejn xulxin u jxenglu rashom. U s-seba' nani qabżitilhom demgħa. Imbagħad malli ċ-ċerimonja ntemmet, kulħadd telaq jaqbeż u jogħla lejn il-qalba tal-foresta fejn ix-xwejħa lestitilhom id-dar taċ-ċikkulata. U l-mistednin kielu t-twieqi u l-bibien biċ-ċaċċiż b'kollox. Belgħu s-sugu tat-travi u lagħqu l-ġelu tas-saqaf imżerżaq. Germu l-paviment tal-gallettini, u kulħadd siker u raqad ħdejn il-pedament

għeri tad-dwejra. Meta stenbħu, Jack & Jill ma kinux hemm. Dażgur, dawk telqu għall-vjaġġ ta' Qamar-il-Għasel. Telgħu jixxabbtu ma' siġra tal-fażola.

"Issa nġibu t-tiġieġa li tbid il-bajd tad-deheb," qalilha Jack.

"U l-arpa li tkanta," weġbitu Jill.

Jixxabbtu u jixxabbtu minn fergħa għal fergħa, minn sħaba għal sħaba, sa ma tfaċċa quddiemhom il-kastell. Iżda ma sabu lil ħadd jistenniehom. Għax it-tiġieġa kienet refgħet mill-bajd u l-ġgant għamilha brodu. U meta ra li anki l-arpa kienet rikbet larinġite perpetwa, il-ġgant ġibed il-bieb warajh u telaq ifittex sħaba ġdida. U martu, li kienet drat tinħabb b'ġisem ta' ġgant, ma setgħetx issib lil min iserraħha u ntelqet minn hemm fuq għal isfel.

"Ma ġara xejn," qal Jack lil martu. "X'għandna bżonnhom l-arpa u t-tiġieġa? Issa nibda naħdem fuq ir-raddiena u noqgħod nibdillek it-tiben f'deheb. Oh, ħanini, kemm ninħabbu!"

U bla ma lissnu kelma oħra, niżlu jħaffu 'l isfel biex ifittxu jibdew jgħixu f'dik id-dwejra ta' ġoż-żarbuna. Iżda Jack & Jill ma kinux jafu li taħt dik id-dwejra kien hemm kantina mudlama, u li ġo dil-kantina kien hemm xwejħa bi mneħirha mimli felul, qiegħda tħawwad taħlita tbaqbaq ġo kaldarun. U waqt Jack kien iqatta' l-jum kollu jdawwar ir-raddiena, u Jill tqatta' l-jum kollu ddomm il-ġiżimin u titkellem mal-għasafar, it-taħlita ġol-kaldarun kienet tbaqbaq dejjem aktar. Imbagħad meta wasal il-waqt, ix-xwejħa tal-felul għaddset tuffieħa ħamra ġot-taħlita u billejl marret qegħdithielhom ġos-sjuna ta' nofs il-mejda. Iżda Jack & Jill damu ħafna ma indunaw biha, għax minn ftit lil hawn ir-raddiena ta' Jack bdiet teħillu u minflok isir deheb it-tiben beda jsir lanżit. U l-ġiżimin ta' Jill beda jinxef u jibbies sa ma l-ħnienaq inbidlu f'kuruni tax-xewk. Lanqas l-għasafar ma baqgħu jitkellmu l-lingwa tagħha.

Sa fl-aħħar indunaw bit-tuffieħa l-ħamra ta' ġos-sjuna u ħadu gidma. Għoġbithom u meximxuha sal-qalba. L-għada sabu tuffieħa ħamra oħra fis-sjuna u reġgħu meximxuha. U hekk baqgħu sejrin jum wara jum, sakemm lejla waħda, kif kienu għarwenin fis-sodda, Jack ħataf lil Jill minn griżmejha u qalilha:

"Ja qaħba, ċerċura, se ddum titmagħni t-tosku? Niżbranak!"

U Jill fajritlu daqqa bi rkoppitha bejn saqajh u weġbitu:

"Ja muntun poxt, il-velenu xrobtu jiena minn dawk il-moqżieża xofftejk!"

U bdew igaraw għal ras xulxin kull ma ġie għal idejhom. Farrku l-kamra tas-sodda, il-living room u l-kċina, u fi ftit sekondi d-dar ta' ġoż-żarbuna la kien fadlilha lazz, la lsien u lanqas takkuna. Jack reġa' qasam rasu bħalma kien jaqsamha dari mal-blat tan-niżla, u Jill tgerbet minn kamra għal oħra u saret żibel. Minn qiegħ il-kantina nstemgħet tielgħa daħka li tkexkex.

L-għada l-qraba u l-ħbieb inġabru fil-bini l-kbir biex il-Lupu jisma' x-xhieda u jaqta' s-sentenza.

"Fejn huma l-volpi u l-qattus?" għajjat il-Lupu. "Dawk kienu xhieda. Semgħukom u rawkom taħilfu."

"Le jaħasra, jiena ma rajt xejn," qabeż jgħid il-qattus. "M'intix taraha dil-biċċa sewda fuq għajni x-xellugija? Minnha ma nara xejn u bl-oħra rrid illaħħaq ma' kollox."

"U jiena għandi dis-salib ta' krozza," qabeż il-volpi. "Kont il-ħin kollu medhi nipprova nżomm bilanċ fuq sieq waħda. Ma niftakarx li smajthom jaħilfu."

Il-Lupu qaleb il-mejda ta' quddiemu u tajjar il-klamar tal-linka. Libes il-kabozza l-ħamra li kien seraq snin ilu u bagħat lil kulħadd 'il barra. U Jack telaq lejn il-Lvant u Jill lejn il-Punent.

Dalgħodu, ma' xatt ix-xmara, fetħu l-ġilju tal-buqari u kif kienu għadhom imtektkin bin-nida, tfaċċaw ġo nofshom Jack & Jill ċkejknin, għarwenin, għadhom bil-kemm fetħu għajnejhom. Ħdejn riġlejn il-ġilji hemm is-satal vojt u nitfa 'l bogħod hemm l-għolja bil-bir imfawwar bl-ilma fuq il-quċċata.

U s-seba' nani reġgħet qabżitilhom demgħa.